MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 2935/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Alan Attard abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Alan Attard**

**vs**

**Mario Muscat**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Gunju, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u sebgha u erbghin Lira

Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1147.43) li jirrapprezentaw d-danni kollha sofferti mill-attur Alan Attard assigurat tas-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ elf u tnejn u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin (Lm1072.43), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75.00) l-istess Alan Attard in linea ta’ *excess payment,* bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta’ Jannar, 2002 gewwa The Strand, Gzira, bejn il-vettura ta’ l-attur Alan Attard, bin-numru ta’ registrazzjoni LCE 608 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni EBY 587, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Novembru, 2002 u ta’ l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma’ l-avviz tat-talba lis-socjeta’ assikurattrici Ómnibus Pool, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Novembru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fl-24 ta’ Frar, 2003 fejn intqal illi:

1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut.
2. Ghalhekk ma hemmx dan x’jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz, u <u>bla pregudizzju</u> ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni pretizi minnhom.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Sema’ x-xhieda ta’ Alan Attard, Anthony Savona, Mario Muscat. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi din il-kawza tirrigwarda ncident illi sehh fis-16 ta' Jannar, 2002 f'The Strand Gzira, bejn il-vettura LCE 608 misjuqa minn Alan Attard u l-vettura xarabank EBY 587 misjuqa mill-konvenut. Dakinhar kienet ix-xita.
2. Skond l-attur hu kien ghaddej fix-xatt il-Gzira, b'xi 30 jew 40 k.f.s., u kien fil-karreggjata ta' barra, filwaqt illi l-konvenut kien fil-karreggjata ta' gewwa. L-attur kien ser jaqbez lill-konvenut meta skond l-attur, il-konvenut gibed ghal fuqu. L-attur ighid li zamm brake pero' xorta habat. In oltre l-attur ighid li l-attur illi l-konvenut ma xeghelx l-indicator.
3. L-attur jirrileva illi l-konvenut kien ilu jsuq quddiemu. Skond l-attur il-konvenut laqtu fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug, filwaqt illi l-konvenut kellu d-daqqa fuq in-naha ta' wara tal-lemin fil-kantuniera. L-attur waqaf ma' l-impatt filwaqt li l-konvenut baqa' sejjer.
4. Rilevanti hafna illi f'dan il-kaz imtliet il-*front to rear form* Dok HA esebita illi giet iffirmata mill-partijiet u skond l-attur id-disinn li hemm fuq din il-formola huwa tajjeb u juri dak li gara fil-mument ta' l-impatt.
5. Il-konvenut Mario Muscat li kien qed isuq ix-xarabank in kwistjoni sejjer fid-direzzjoni tal-Belt ighid li fejn gara l-incident it-triq hi dritta u kien hemm karozzi pparkjati u ghalhekk hareg ghan-nofs it-triq. Il-konvenut ighid illi kien ghaddej b'xi 25k.f.s. u dak il-hin ma kienx hemm traffiku. Il-konvenut spjega illi hu jzomm ftit il-boghod mill-karozzi sija minhabba t-tip ta' vettura li qed isuq, kif ukoll minhabba illi jipprevedi li xi wahda mill-vetturi pparkjati jifthu l-bieba. Fil-hin ta' l-incident kien id-dlam. Il-konvenut ighid li hares fil-mera pero' ma rax karozzi gejjin warajh. Il-konvenut jispjega li waqt li kien qed isuq sema' hoss, hares fil-mera tal-genb u fil-mera tan-nofs u ra lill-attur wieqaf u ghalhekk waqaf, ghalkemm mhux mall-ewwel.
6. Rilevanti hafna dak li jghid il-konvenut meta jghid illi kien waqaf fuq stage precedentement, ra li mhux gejjin karozzi, xeghel l-indicator, hareg u saq.
7. Mix-xhieda mismugha hemm zewg versjonijiet kontrastanti. Jirrizulta li l-konvenut kien qed jinvadi l-karreggjata ta' l-attur, pero' jirrizulta wkoll illi l-attur ma kienx qieghed sufficentement attent ghal manuvra tal-vettura ta' quddiemu. Iz-zewg vetturi messhom uzaw l-

akbar diligenza, u dana tenut kont tal-fatt li kienet ix-xita u kien id-dlam. Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal qed iqis illi z-zewg sewwieqa kkontribwew ghall-incident li sehh u dana b'mod ugwali.

8. Dwar id-danni dawna jirrizultaw mid-dokumenti esebiti u huma fl-ammont ta' elf mija seba' u erbghin lira Maltin tlieta u erbghin centezmu (Lm1,147.43). In kwantu l-kollizzjoni grat b'tort indaqs da parti taz-zewg partijiet, jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' hames mija tlieta u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm573.71).

Ghaldaqstant qed isib liz-zewg partijiet responsabbli f'mod indaqs ghall-kollizzjoni li sehhet u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija tlieta u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm573.71). In kwantu ghal erbgha mija tmienja u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm498.71) lis-socjeta' attrici u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) lill-attur u dawna bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru millum, salv hu impregudikat kull dritt tal-konvenut ghar-risarciment tad-danni minnu subiti.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Is-socjeta` assiguratrici attrici u l-assigurat taghha appellaw minn din is-sentenza u talbu li din tigi riformata. B' mod generali l-aggravju taghhom jikkonsisti fi kritika ta' kif it-Tribunal apprenda l-fatti li taw lok ghall-incident stradali. Dejjem skond l-appellanti, isegwi minn dan illi d-decizjoni appellata kienet zbaljata anke fl-applikazzjoni tal-principji tad-dritt ghal dawn il-fatti;

Qabel approfondiment ta' dan l-aggravju u tar-risposta dwaru mill-konvenut appellat, hemm bzonn li jigu esposti l-fatti li taw lok ghal din il-kawza:-

(1) Fil-jum ta' l-incident iz-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fix-Xatt tal-Gzira fid-direzzjoni tal-Belt. Alan Attard

kien fuq l-*outer lane* mentri c-charabanc misjuqa mill-konvenut kienet fil-*lane* ta' gewwa; ghal precizazzjoni "zewg piedi minn fuq il-*line* abjad tan-nofs tat-triq" (ara Dikjarazzjoni dwar l-Incident, fol. 24). Dan in vista tal-fatt li, kif jistqarr il-konvenut, fuq ix-xellug tieghu kien hemm vetturi pparkjati u hu dejjem hekk isuq f' dik il-parti tat-triq;

(2) It-triq hi dritta u dakinhar kienet niezla x-xita. Jinghad ukoll mill-konvenut li kien id-dlam;

(3) Hemm qbil li x-charabanc kienet fuq quddiem u, kif dikjarat minn Alan Attard, "kien ilu quddiemi" (fol. 31). Fil-hin ta' l-incident ix-charabanc kien diga` qabez l-i*stage* fejn waqaf qabel ma rega' beda jsuq wara senjalazzjoni bl-*indicator*;

(4) Il-konvenut jghid li dak il-hin ma kienx hemm traffiku. Jghid ukoll li hu kien hares fil-mera pero` hin minnhom gie "*wedged*" mill-istess charabanc meta din gibdet ghal fuqu fis-sens li biddlet il-karreggjata u b' hekk sar l-iskontru nonostante li hu ghafas il-*brake.* Jinghad ukoll li mal-habta x-charabanc waqfet zewg tulijiet il-boghod fuq il-karreggjata taghha pero` in parti fil-karreggjata ta' barra;

(5) Id-daqqiet fil-vetturi kienu dawn. Dik fil-vettura ta' Alan Attard sehhew fil-fanal, *bumper*, *radiator* u *bonnett*; dik fuq ix-charabanc fin-*nickel* u l-*fibreglass* in naha ta' wara fuq il-lemin taghha;

Premessi dawn il-fatti, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li tirregistra dawk ir-regoli ordinarji u l-principji ta' prudenza applikabbli, in linea ta' massima generali, ghall-konducenti kollha:-

(1) "Hu obbligu ta' kull *driver* li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art u rapporti ohra kontingenti." (**Kollez. Vol. XLVI P I p 112**);

(2) Importanti dejjem, u specjalment f' kaz ta' min jintenta jaghmel sorpass jew f' kaz ta' manuvra minn min ikun irid jaqleb minn karreggjata ghall-ohra, li jzomm "*a proper look out*". Dan id-dover igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli u, dippju, li jaccerta ruhu illi l-manuvra li jkun sejjer jaghmel seta' jaghmilha, jibdiha u jtemma bla xkiel;

Wara li rriflettiet sew fuq il-fatti ta' dan il-kaz din il-Qorti ma ssibx li hu ragonevoli li tvarja l-konkluzjoni tat-Tribunal li effettivament il-kollizjoni grat tort taz-zewg sewwieqa. Iz-zewg kontendenti jressqu argomenti qawwija favur it-tezi taghhom imma fil-fehma tal-Qorti din l-adezjoni taghha mal-konkluzjoni tat-Tribunal ssib element ta' korroborazzjoni tant fix-xhieda taz-zewg *drivers* kemm fic-cirkostanzi generali tal-kaz;

Fir-rigward il-Qorti qed taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Fil-kaz tas-sewwieq Alan Attard huwa dubitat hafna kemm verament dan kien diga` qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass in kwantu jekk tassew dan kien hekk il-kaz l-iskontru ma kienx isehh fil-mod realizzat mill-prova tad-daqqiet fuq iz-zewg vetturi. Lanqas ma jista' jkun li hu ma ntebahx li x-charabanc quddiemu ma kienetx ghal kollox fil-karreggjata proprja taghha u li ma kienetx diga` qed tinonda parti mill-karreggjata tieghu ghal certu perkors tat-triq qabel l-incident. Jekk verament, imbaghad, kien intenzjonat jaghmel sorpass jew ma kienx attent ghal kollox jew ikkalkola hazin u ma kellux ghal kollox il-kontroll shih tal-vettura, tenut ukoll rigward tac-cirkostanzi ambjentali f' dak il-mument, tax-xita, u fid-dlam;

(2) Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellat il-Qorti ma taghtix wisq piz lill-i*sketch* billi, apparti mill-fatt li dan ma sarx minn persuna kwalifikata, ma jidherx li hu riproduzzjoni fidil ta' kif spiccaw il-vettura wara l-impatt. Hu pero` indikattiv tal-fatt illi s-sewwieq Alan Attard ma

kienx fl-istadju inoltrat tas-sorpass izda pjuttost fil-bidu inizzjali ta' din il-manuvra;

(3) Minn naha l-ohra l-Qorti ssib ukoll illi ma tistax taghti wisq affidament lid-dikjarazzjoni tal-konvenut illi hu hares mill-mera biex jara jekk kienx gej traffiku minn warajh. Dan qed jigi rilevat in kwantu jekk verament hares mhux koncepibbli illi hu ma osservax il-vettura ta' Alan Attard gejja fl-*outerlane*. Barra minn hekk, jekk hares allura jigi li ma haresx sew. Ghandu jinghad ukoll illi, jekk il-konvenut solitament isuq f'dan it-tratt tat-triq bil-mod minnu spjegat, u dan in vista tal-vetturi parkeggjati, hu allura kien konxju tal-fatt li kien qed jikkavalla l-*lane* misjuqa mill-attur Attard u allura kull manuvra azzardata jew inkonsulta tieghu kienet kapaci tikkreja emergenza subitanea ghad-*drivers* gejjin minn warajh. Dan, *multo magis*, imbaghad jekk qabel il-manuvra huwa ma jkunx gibed l-attenzjoni ta' dawk id-*drivers* b' senjalazzjoni adegwata. Fi kliem iehor hu kien gravat li jimmanifesta l-intenzjoni tieghu billi jaghti preavviz ragonevoli u mhux b' mod li jkun tard wisq ghad-*driver* li jsegwih biex dan jirreaggixxi b' mod tempestiv;

Raggunta din il-konkluzjoni, din il-Qorti tadotta l-insenjament ormai pacifiku illi f' kaz ta' htija kontributorja da parti tad-danneggat mhux ragonevoli li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' gudizzju ta' l-ewwel tribunal dwar l-apporzjonament tal-htija. Dan anke ghaliex, kif drabi ohra deciz, "meta l-htija ma tistax tigi maqsuma b' certezza, r-responsabilita` tigi maqsuma ugwalment" (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 59**).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez ta' din il-procedura a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------